MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 118/2010

**Alan Xuereb**

**-vs-**

**Joanne Debattista**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-9 ta’ Frar 2010 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

Illi l-konvenuta kienet akkwistat, permezz ta’ ftehim datat 16 ta’ Diċembru 2008, minn ċertu Vincenzo Basile, drittijiet ta’ sullokazzjoni tal-fond 3, Paceville Avenue, Paceville, illum magħruf ukoll bħala Zaza Bar, ġia’ magħruf bħala Compass Rose, b’bieb li jagħti fuq Triq Gorg, Paceville, biex hija intrabtet bil-ftehim ta’ sullokazzjoni oriġinali tiegħu datat 9 ta’ April 2008 ma’ l-attur (Dok. A);

Illi l-konvenuta waqgħet moruża fil-pagamenti ta’ kera, kif ukoll fil-ħlas ta’ liċenzji, flimkien ma’ raġunijiet oħra validi fil-Liġi li jġibuha fi ksur tal-kuntratt *de quo ai termini* tal-Artikolu 13 tal-ftehim bejn il-partijiet;

Illi l-konvenuta hija debitriċi tal-attur fl-ammont ta’ Euro 11,530.75, rappreżentanti arretrati ta’ kera;

Illi l-konvenuta hija wkoll debitriċi tal-attur fl-ammont ta’ Euro 1,796.39 rappreżentanti *‘utility bills’*, li hija d-differenza bejn il-kont ta’ Euro 2,326.27 u Euro 501.88 li kienu *outstanding* u dovuti mill-esponenti, u liema ammont ta’ Euro 1, 796.39 ġie debitament imħallas, u dan kif jirriżulta minn kopja tar-ricevuta relattiva hawn annessa, esebita u mmarkata bħala Dok. B;

Illi l-konvenuta hija wkoll debitrici ta’ l-attur fis-somma ta’ Euro 872.34 bħala arretrati ta’ liċenzji fuq il-fond *de quo* (Dok. C);

Illi għalhekk il-konvenuta hija debitrici tal-attur fis-somma komplessiva ta’ Euro 14,199.48;

Illi ġjaladarba l-konvenuta qegħdha għalhekk, bi ksur tal-kuntratt *de quo*, hemm lok għax-xoljiment ta’ l-istess, li din tiġi żgumbrata mill-fond *de quo*, liema fond għandu jerġa’ lura fil-pussess tal-attur;

Illi l-fond *de quo* jinsab imsakkar u ilu magħluq għal diversi xhur, b’dan illi l-attur m’ għandu ebda aċċess għalih;

Illi l-attur kien diġa’ ppreżenta ittra uffiċjali li permezz tagħha sabiex tirregola ruħha dwar iċ-ċirkostanzi, iżda dan mingħajr ebda eżitu favorevoli, u dan kif miftiehem fil-kuntratt *de quo*;

Illi l-attur indika wkoll l-intenzjoni tiegħu li jittermina s-sullokazzjoni, permezz ta’ ittra datata 17 ta’ Diċembru 2009;

Illi dawn il-fatti l-attur jaf bihom personalment;

Illi l-konvenuta, *nonostante* diversi interpellazzjonijiet sabiex iċ-ċwievet jiġu ritornati, kif ukoll għall-ħlas tal-pendenzi, baqgħet inadempjenti;

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Tgħid il-konvenuta għalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja, u bid-dispensa tas-smiegħ skond l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenuta hija debitriċi fil-konfront tal-attur fis-somma ta' Euro 14,199.48;

2. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' Euro 14,199.48;

3. Tiddikjara illi l-konvenuta iddekadiet mill-ftehim tas-16 ta' Diċembru 2008;

4. Tordna li fi żmien qasir u perentorju l-konvenuta għandha tiżgombra mill-fond 3, Paceville Avenue, Paceville, u tirritorna ċ-ċwievet tal-istess lill-attur, u fin-nuqqas, li tiġi żgumbrata bi żgass, bl-ispejjeż tagħha.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 3139/09 tat-28 ta' Awissu 2009 u tal-Mandati kawtelatorji ppreżentati kontestwalment ma' dan l-Att, u l-imgħax legali, kontra l-konvenuta, li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenuta ppreżentata waqt is-seduta tal-lum stess.

Rat il-verbal tal-lum li permezz tagħha l-kawża ġiet posposta għas-sentenza.

**Għaldaqstant il-Qorti fl-ammissjoni tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti, u għall-fini tar-raba' talba tipprefiġġi terminu ta' xahrejn.**

**Spejjeż jitħallsu mill-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------